# L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla

## IL-KUNĊETT VERU TA' ALLA FL-IŻLAM



Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]

# L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla

## IL-KUNĊETT VERU TA' ALLA FL-IŻLAM

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
*Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed*[as]*,*
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# The Four Fundamental Attributes of God
# (In Maltese Language)

---

## L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla
### IL-KUNĊETT VERU TA' ALLA FL-IŻLAM


Diskors ta'
Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*



© Islam International Publications Ltd.



Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2014)

Traduzzjoni u Editjar minn
Karl Coleiro u Laiq Ahmed Atif

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**



**Tel:** +356-27342401 • **Tel:** +356-21322105
**Mob:** +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**



Stampa: © Shutterstock.com

# Dwar l-Awtur
# Il-Kalif: Bniedem ta' Paċi

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana *(Ahmadiyya Muslim Jamaat).* Huwa l-ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru, 1950, f'Rabwah, il-Pakistan. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment il-ħajja tiegħu għas-servizz tal-Iżlam.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'206 pajjiż.

Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu ma' Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-Komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Alla li jista' kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-Komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità.

Taħt it-tmexxija tal-Qdusija Tiegħu, il-Komunità Aħmadija Musulmana bniet għadd ta' skejjel u sptarijiet li jipprovdu faċilitajiet tal-aqwa kwalità f'żoni remoti tad-dinja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra.

**Hawn taħt miġjuba t-traskrizzjoni tradotta tad-diskors ewlieni mogħti minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], Kalifatul-Masiħ V, Kap tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana lil udjenza mdaqqsa ta' mistednin mhux Musulmani fit-Tieni Jum tal-Konvenzjoni Annwali (Jalsa Salana) tal-Komunità Aħmadija Musulmana fil-Ġermanja fid-29 ta' Ġunju 2013.**

بِسۡمِ اللّٰہِ الرَّحۡمٰنِ الرَّحِیۡمِ ﴿۱﴾

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.

Wara r-reċitazzjoni tat-*Tashahhud,* it-*Ta'awwuz* u l-*Bismillah,* Ħażrat Kalifatul-Masiħ V[aba] qal:

"Intom kollha mistednin – *Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – il-paċi u l-barka ta' Alla fuqkom ilkoll.

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-mistednin kollha tagħna li bil-preżenza tagħhom onoraw l-okkażjoni tal-Konvenzjoni Annwali. Din l-okkażjoni, li matulha se jkolli l-opportunità nindirizza lill-ħbieb tagħna li mhumiex Aħmadin, saret xejra permanenti tal-Konvenzjoni Annwali (Jalsa Salana) ġewwa l-Ġermanja.

Billi l-maġġoranza fostkom mhumiex Musulmani, is-suġġett li għażilt li nitkellem dwaru llum hu dak li jitħaddet fuq kif l-Iżlam iħares lejn Alla. Għalkemm m'għandniex ħin biżżejjed biex niddiskutu dan is-suġġett fil-fond, xorta waħda se nipprova nispjega l-attributi fundamentali ta' Alla skont it-twemmin reali tal-Iżlam. Għażilt dan is-suġġett għax naf li meta t-tagħlim tal-Iżlam dwar Alla jkun ċar, ħafna mid-dubji jew riservi li wieħed ikollu lejn l-Iżlam jew il-Musulmani jonqsu bil-kbir. Fid-dinja tal-lum teżisti l-impressjoni li Alla kif ippreżentat mill-Iżlam hu Alla estremament kattiv u dominanti. Ħafna jaħsbu li Hu jamar bil-forza u x-xogħol waħdieni tiegħu hu li jamministra l-kastigi u jibgħat in-nies l-infern. Tabilħaqq, ta' spiss wieħed jaħseb li

Alla tal-Iżlam jikkastiga bla ħniena kull żball jew dnub, kemm jekk kbir kif ukoll insinifikanti. Fil-verità dan it-twemmin hu kompletament żbaljat u inġust.

Alla li naduraw u li nemmnu li hu omnipotenti hu kompletament sovran u għalhekk għandu l-qawwa li jagħmel kollox u kulma jrid. Fl-istess ħin, hu dejjem ħanin. Għalhekk, Alla s-setgħani, fil-Koran ta lin-nies l-aħbar tajba li l-ħniena u l-kompassjoni tiegħu qegħdin hemm għal kulħadd. Dan wieħed isibu f'Kapitlu 7, Vers 157. F'vers ieħor tal-Koran, Alla jgħid li dawk in-nies li wettqu l-ħażen kontra ruħhom m'għandhomx jiddispraw u jitilfu l-fiduċja. Il-vers jispjega kif Alla jista' jaħfer id-dnubiet kollha, għax Hu l-iktar li jaħfer u l-iktar ħanin. (Kapitlu 39, Vers 54). Band'oħra, Alla jgħid illi li ma kienx għall-Grazzja u l-Ħniena Tiegħu, kien jaqa' kastig kbir fuq in-nies tad-dinja minħabba l-għemejjel ħżiena u l-kalunja tagħhom. (Kapitlu 24, Vers 15). Eżempju ieħor tal-imħabba infinita ta' Alla huwa meta qal li l-premju għall-azzjonijiet tajba jkun għaxar darbiet ikbar mill-valur tal-att, iżda l-kastig għall-ħażin li wieħed jagħmel ma jkun qatt ikbar mill-att żbaljat innifsu.

Dawn il-ftit eżempji juru n-natura vera ta' Alla tal-Iżlam. Nistaqsi, dawn l-eżempji jagħtu dehra ta' Alla kattiv u tiranniku, jew inkella, jippontaw lejn Alla benevolenti, mimli mħabba u kompassjoni? Fis-sewwa, wieħed jista' jsib diversi versi fil-Koran Imqaddes fejn nitgħallmu dwar il-ħniena, il-kompassjoni u l-benevolenza ta' Alla. Jien tajt biss ftit eżempji.

Ċertament huwa minnu li l-Iżlam jiddetta li kull min iwettaq att tajjeb, jew bil-kontra, jagħmel dnub, għandu jiġi ppremjat jew ikkastigat kif ħaqqu. Mhux sewwa li persuna twettaq azzjoni,

filwaqt li persuna oħra tinżamm responsabbli għal dik l-azzjoni. Fis-sistemi legali ta' did-dinja ma nittolleraw u naċċettaw qatt prinċipju ta' responsabbiltà li tgħaddi minn persuna għall-oħra fejn persuna tisfa kkastigata għall-ħażin imwettaq minn ħaddieħor. Għaldaqstant, kif nistgħu naċċettaw li fis-Sistema tal-Liġijiet ta' Alla persuna tista' tiġi kkastigata għar-reat ta' ħaddieħor? Il-ġustizzja u l-għerf ta' Alla huma uniċi u jmorru lil hinn mill-intellett, l-għerf u l-ġustizzja umana. Għalhekk, kif nistgħu nimmaġinaw li Alla jista' jieħu deċiżjonijiet li huma nieqsa kompletament mill-għerf u l-ġustizzja, jew huma inferjuri għal dawk tal-bniedem? Tassew, jekk reat imwettaq minn persuna jirriżulta f'kastig għall-persuna l-oħra, u dan kollu joħroġ minn deċiżjoni ta' Alla, ma jibqgħalna l-ebda għażla oħra ħlief dik li nqisu lil Alla bħala kattiv u inġust. Pereżempju tifel jiżbalja waqt li missieru jieħu l-kastig. Għalhekk, alla li jwettaq inġustizzja bħal din ikollu jitqies bħala alla inġust u vendikattiv. Madankollu, Alla tal-Iżlam huwa kompletament nieqes minn kull forma ta' inġustizzja u krudeltà; minflok, Hu qal li l-ħniena u l-kompassjoni tiegħu huma vasti immens u jwasslu fil-bogħod ħafna, u proprju minħabba dawn l-attributi li Hu Alla li jaħfer.

Barra dan, irrid nispjega li Alla tal-Iżlam hu s-'Sid'. U s-Sid għandu d-dritt li jaħfer lill-qaddejja tiegħu. Meta wieħed jifhem dan il-punt iwaqqa' l-oġġezzjoni fil-konfront ta' Alla u l-Iżlam talli dan jaħfer, u iktar minn hekk talli hu jgħatti taħt l-għata tal-ħniena u l-maħfra tiegħu lill-bniedem.

Bis-saħħa tal-eżempji li ppreżentajt mill-Koran Imqaddes urejt kif il-kritika li ssir minn xi nies dwar kif l-Iżlam iħares lejn Alla mhi xejn ħlief sensiela ta' kunċetti żbaljati u fallaċji. Twemmin żbaljat bħal dan jinbet min-nuqqas ta' għarfien jew mix-xewqa

li wieħed jiskredita u jagħti isem ħażin lill-Iżlam għalxejn b'xejn.

Kif għedt qabel, issa se nitkellem dwar xi Attributi ta' Alla li ssemmew fl-ewwel kapitlu tal-Koran li l-Musulman jiddeklama fit-talb formali kollu tiegħu kif ukoll meta jkun qed jitlob f'ħinijiet oħra. Mhux possibbli li nispjega dan kollu fid-dettall, iżda għall-inqas se nippreżenta deskrizzjoni ħafifa ta' dawn l-attributi ewlenin.

L-ewwel kapitlu tal-Koran Imqaddes jiddikjara li 'Alla hu Sidek', u l-kelma 'Alla' tfisser Essri Suprem li jiġbor fih l-attributi perfetti kollha, ħielsa kompletament minn kull difett u imperfezzjoni. Hu dak li waħdu jiġbor fih il-kwalitajiet u l-attributi li qatt il-bniedem jista' jimmaġina. Barra minn hekk, jiġbor fih ukoll għadd kbir ta' karatteristiċi li l-bnedmin ma jistgħux jagħrfu sforz l-intelliġenza limitata tagħhom. Il-kelma 'Alla' tirreferi għal isem distintiv li jista' jintuża biss biex jiddeskrivi lil dik l-Essri Perfetta li mhix biss ħielsa minn kull difett jew difett potenzjali, iżda tiġbor fi ħdanha l-kwalitajiet u l-attributi perfetti kollha. Meta nirreferu għal Alla bħala 'Perfett' inkunu qed nibbażaw ruħna fuq ir-realtà għax id-definizzjoni nfisha ta' perfezzjoni tissejjes fuq żewġ attributi fundamentali.

L-ewwel nett, biex ħaġa titqies perfetta s-sbuħija u d-dehra tagħha jridu jkunu bla tebgħa u mingħajr ebda difett. It-tieni nett, jekk xi ħaġa jew xi ħadd jiddikjara ruħu perfett irid ikun bla xebh f'dawk li huma favuri, tjubija u grazzja lejn l-oħrajn. B'hekk naraw li l-kobor u s-sbuħija ta' kulma jagħmel parti mid-dinja u s-smewwiet mhumiex għajr manifestazzjoni tal-glorja ta' Alla u tal-favuri tiegħu lejn il-ħolqien u hekk prova assoluta tal-perfezzjoni tiegħu. Meta nassistu għall-premjijiet u l-grazzji

li Alla għoġbu jagħti lill-bniedem, waħedna naslu biex inkunu grati għat-tjubija u l-favuri tiegħu lejna.

Il-Koran jgħidilna wkoll li l-kobor, it-tjubija u s-sbuħija ta' Alla huma bla paraguni. Waħda mill-attributi l-iktar importanti u fundamentali ta' Alla hi dik li hu s-'*Sid tal-Univers kollu'.* Dan ifisser li hu Alla li jgħajjex u jsostni lill-popli kollha. Hu jissodisfa dak kollu li hu neċessarju u jipprovdi dak kollu meħtieġ biex il-popli kollha, mingħajr ebda distinzjoni, ikunu jistgħu jgħixu. Alla, skont l-Iżlam, hu Alla għad-dinja kollha. Hu Alla tal-Musulmani, u għalhekk jipprovdilhom il-proviżjonijiet u n-nutrimenti kollha meħtieġa. Hu wkoll Alla tal-Insara u tal-Lhud u għalhekk jipprovdilhom dak kollu li hu meħtieġ f'din id-dinja. Hu wkoll Alla tal-Hindu, is-Sikhs u l-popli ta' kull fidi u reliġjon u għalhekk tahom ilkoll ir-riżorsi tal-ħajja u s-sostinenza. Fil-fatt, Alla jipprovdi wkoll lil dawk li ma jemmnux fih u jaħsbu li dak kollu li għandhom hu jew riżultat tal-isforzi tagħhom inkella riżultat tal-progress xjentifiku. Madankollu, Musulman veru jemmen li l-progress xjentifiku hu riżultat ukoll tal-grazzja u l-barka ta' dak Alla, li fi ħdan il-liġijiet tiegħu tan-natura, ippermetta t-tgawdija tar-riżultati tax-xogħol iebes u r-riċerka. U hu proprju għalhekk li minħabba l-liġijiet tan-natura ta' Alla, kull min jistinka jiġi ppremjat għall-isforzi tiegħu. Dan hu Alla li daħħal fil-bniedem diversi fakultajiet u kapaċitajiet biex b'hekk ikun jista' jaqsam u jibbenefika mill-grazzji u l-ġenerożitajiet tiegħu.

Alla tal-Iżlam qal li hekk kif ipprovda l-ikel u x-xorb għan-nutriment tal-bniedem, ipprovda wkoll rimedji u kura biex iħares lill-umanità. Poġġa l-kura ta' xi kundizzjonijiet u mard f'ċerti affarijiet għall-benefiċċju tagħna u hemm okkażjonijiet fejn Alla nnifsu jurina din il-kura. F'okkażjonijiet bħal dawn

is-sistema ta' Alla tal-'isforz u r-riċerka' ma taħdimx, minflok Alla nnifsu jagħti gwida diretta. Eżempju wieħed. Xi żmien ilu mara Aħmadija kienet iċċertifikata b'kanċer tal-utru. It-tobba kienu tal-fehma li l-każ tagħha kien wieħed terminali u li għaliha ma kienx hemm fejqan. Fis-sew qalu li kien baqgħalha ftit żmien ħajja u b'hekk għandha tmur lura d-dar biex tagħmel l-aħħar preparazzjonijiet. Minkejja l-pronjosi mogħtija mit-tobba hekk kif irritornat lura d-dar ingħatat il-kura b'mod straordinarju minn dak Alla li taha l-ħajja u ħa ħsieb jipprovdilha kollox. Lejla waħda, f'ħolma, rat arbuxxell li kien jikber f'dik il-parti tal-Pakistan fejn kienet għexet. Fil-ħolma rat l-arbuxxell quddiemha u vuċi ħierġa minnu tgħid *"Jien il-kura tiegħek – agħmel użu minni".* Din kienet il-vuċi tal-arbuxxell. Bis-saħħa ta' dil-ħolma għamlet użu minn dan l-arbuxxell u bil-grazzja ta' Alla l-kanċer tfejjaq kompletament. It-tobba tagħha, li kienu tilfu kull tama, baqgħu miblugħa u qalu li dan kien tabilħaqq miraklu.

Dik il-mara, li Alla nnifsu fejjaq, infurmat bil-każ tagħha lil wieħed mit-tobba Aħmadin tagħna u minn dakinhar 'l hawn it-tobba u l-ispeċjalisti Aħmadin bdew jippreskribu l-arbuxxell kemm għall-kanċer tas-sider kif ukoll tal-utru. Bil-grazzja ta' Alla, ir-riżultati kienu verament pożittivi u bis-saħħa ta' hekk ħafna nisa ġew salvati minn dan il-mard terribbli.

Wieħed mit-tobba Aħmadin tagħna li jgħix fir-Renju Unit qiegħed iwettaq riċerka fuq dan l-arbuxxell u għall-grazzja ta' Alla r-riżultati sa issa huma inkoraġġanti ferm. Dawn huma l-mezzi ta' nutriment ta' Alla l-iktar setgħani lejn il-bniedem u l-mod ta' kif Hu jipproteġi l-Ħolqien tiegħu. Bl-istess mod, hemm għadd kbir ta' ħwejjeġ oħra li l-bniedem qiegħed jibbenefika minnhom. Kemm jekk nitkellmu dwar l-arja li biha nieħdu

n-nifs jew l-ilma li nixorbu minnu u kemm jekk nitkellmu fuq id-dawl, binhar jew billejl – dawn il-ħwejjeġ kollha u ħafna iktar ingħataw lill-bniedem minn Alla. Fil-fatt, ma ngħatawx biss lill-bniedem iżda lill-ħolqien kollu ta' Alla.

Hekk, dan hu l-ewwel attribut ta' Alla li ssemma fl-ewwel kapitlu tal-Koran Imqaddes. Meta Musulman veru jsir jaf b'dan, waqt li minn banda, b'mod naturali, jasal biex jesprimi l-gratitudni tiegħu għall-ġid u l-pjaċiri li Alla pprovda lill-bniedem bħala mezz ta' għajxien, jagħraf ukoll il-fatt li Alla tal-Iżlam hu Alla ta' kulħadd li jipprovdi l-mezzi tal-għajxien lill-popli kollha irrelevanti mir-reliġjon li jħaddnu. Il-Musulman ta' veru jasal biex japprezza li l-bnedmin u l-ħlejjaq kollha jagħmlu parti mill-ħolqien ta' Alla. Għalhekk issir ir-responsabbiltà ta' kull Musulman li jara li jieħu ħsieb u jkun ġentili ma' kull persuna filwaqt li jara kif huwa jista' jagħmel il-ġid ma' kulħadd.

Tistgħu għalhekk taraw kif il-Musulman meta jifhem u japprezza verament it-tifsira reali tal-attribut ta' Alla bħala s-*'Sid tal-Univers kollu'* dan jimmotivah biex jgħix skont il-prinċipju li jisħaq fuq l-idea li Alla qiegħed hemm għal kulħadd. B'dan f'moħħu, il-Musulman jibqagħlu biss tagħlima waħda jiġifieri dik li hu/hi d-dmir tiegħu/tagħha li jaqdi 'l-bnedmin u jkun ta' benefiċċju għal kull persuna, anzi għall-ħolqien kollu t'Alla. Għal dir-raġuni nużaw is-slowgan 'Imħabba għal kulħadd, mibegħda lejn ħadd'.

Issa se nippreżenta fil-qosor it-tieni attribut ta' Alla liema attribut ippreżentalna hu nnifsu. Barra li huwa s-'*Sid tal-Univers kollu',* Alla hu wkoll dak li hu mimli bil-'*Grazzja'.* Fil-Koran, Alla qal li dawk il-persuni li ma jemmnux fl-eżistenza tiegħu, isaqsu

lill-Musulmani din il-mistoqsija: "*Min hu dak Alla mimli grazzja li għalih tirreferu?*" Bi tweġiba, il-Koran jgħid li għal dan wieħed għandu jwieġeb billi jgħid li Alla mimli grazzja hu l-għajn ta' kull barka u huwa dak li minnu tiddi kull tjubija. Hu Alla mimli grazzja li ħalaq l-univers u f'dan l-univers ħalaq ix-xemx, il-qamar, il-kwiekeb u l-pjaneti. Dan kollu ma nħalaqx biss għall-benefiċċju tal-Musulmani iżda għall-ħolqien kollu mingħajr l-ebda diskriminazzjoni jew preġudizzju. Dawk il-persuni li jagħrfu dan kollu, jemmnu verament f'dak Alla mimli grazzja, u jifhmu l-intenzjoni wara t-tjubija u l-benevolenza tiegħu, jinbelgħu f'sens ta' gratitudni lejh. Persuni bħal dawn jimxu fuq l-art b'umiltà u jgħixu bi tjubija u ġentilezza liema bħalha. Joqogħdu lura minn kull deni jew moħqrija lejn ħaddieħor, u jekk xi ħadd iġib ruħu magħhom b'mod aħrax jew bil-herra, iwieġbu b'mod dinjituż, b'paċi u affezzjoni.

Għall-abbuż u s-saħta jwieġbu biss bit-talb u b'hekk jiżviluppaw dawk il-kwalitajiet fihom infushom li jirriflettu l-imħabba u l-grazzja ta' Alla. Fi kliem ieħor, jagħmlu ħilithom kollha biex jgħinu u jagħmlu t-tajjeb lill-oħrajn. Iktar kmieni spjegajt kif il-ħniena u l-grazzja ta' Alla huma tabilħaqq vasti, u għalhekk, bl-istess mod, dawk li jemmnu fih jaslu wkoll biex juru livelli għolja ta' tjubija u kompassjoni. Ċertament dan hu l-mod ta' kif għandhom ikunu l-affarijiet.

It-tielet attribut ewlieni ta' Alla li jissemma fil-Koran hu li Hu 'Ħanin'. Filwaqt li l-attribut ta' Alla li hu *'mimli bil-grazzja'* jfisser li l-barkiet u l-benevolenza tiegħu jitqassmu b'mod ugwali bejn kulħadd, l-attribut tiegħu tal-*'Ħniena'* jingħata lill-bnedmin skont il-kondotta individwali tagħhom. Bħala Alla tal-Ħniena, Alla jipprovdi l-aqwa ħlas lil dawk li jimxu fuq il-kmandamenti

tiegħu. Alla s-setgħani jippremja lil kull persuna li tagħmel ħilitha biex timxi fit-triq it-tajba bl-aqwa mod possibbli għall-isforzi li tkun għamlet. Bħala Alla ħanin u ġeneruż, jinjora u jagħmel tajjeb għal kull nuqqas fl-isforzi tal-persuna u ma jħallix l-isforzi tagħha jinħlew. Minflok l-isforzi jagħtihom valur u jippremjahom. Jekk persuna żżomm kuntatt b'saħħtu ma' Alla, hu jippremjaha b'modi tabilħaqq mirakulużi u billi jissodisfa t-talb li jsirlu jkun qiegħed iwettaq il-mirakli. Aħna, il-Musulmani Aħmadin, bla dubju ta' xejn, nassistu bla heda għall-mirakli ta' Alla. Ngħidu aħna, kien hemm ħafna okkażjonijiet fejn it-tobba qatgħu qalbhom u emmnu li ma kienx baqa' tama għal xi pazjenti tagħhom. Iżda meta l-Aħmadin mielu quddiem is-Sid tagħhom u talbu bil-ħerqa għall-ħniena tiegħu dan wassal biex il-persuni fiequ u reġgħu kisbu saħħithom lura. Dwar dan tajt eżempju iktar qabel meta semmejt il-mara li kellha l-kanċer. Meta jseħħu każijiet bħal dawn, dan iwassal lit-tobba biex jibqgħu miblugħa u dawn ikollhom jammettu li l-fejqan ikun seħħ verament b'miraklu. F'dan is-sens għandna twemmin sod fil-mirakli ta' Alla u għalhekk dan hu dak Alla ħaj li jippreżentalna l-Iżlam. Hu proprju dan il-kunċett ta' Ħniena li jsalvana minn kull dubju fil-fidi tagħna f'Alla. Bit-tweġiba li Alla jagħti għat-talbiet tagħna hu proprju Alla nnifsu li jsaħħaħ il-fidi u t-twemmin tagħna fl-eżistenza tiegħu.

Ir-raba' attribut fundamentali ta' Alla skont l-Iżlam hu li Alla hu s-'*Sid ta' Jum il-Ġudizzju'.* Hu s-sid tal-kastigi u l-premjijiet. Dan l-attribut ma jintrabatx biss mal-ġudizzju ta' Alla għall-ħajja wara l-mewt iżda anke f'din il-ħajja hemm il-premju u l-kastig minn Alla. Bla dubju, fil-ħajja li jmiss il-bnedmin jinżammu responsabbli għall-għemejjel tagħhom. Jiġu ppremjati għall-għemejjel tajba u kkastigati għall-iżbalji tagħhom. Fis-sistema

ġudizzjarja ta' did-dinja, il-kunċett tal-premju u l-kastig donnu jissejjes fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza assoluta. Iżda l-Iżlam jgħallem li billi Alla hu s-Sid ta' kollox mhuwiex marbut mal-liġi li jrid bilfors jikkastiga kull azzjoni ħażina. Tant hu hekk, li meta jidħlu fis-seħħ l-attributi l-oħra ta' Alla tal-grazzja, il-ħniena u l-kompassjoni, Alla jista' jaħfer lil xi ħadd għal xi att tajjeb li jkun għamel, imqar wieħed. Eżempju wieħed ta' dan l-element tat-tjubija ta' Alla hu narrat fi tradizzjoni tal-Qaddis Profeta Muħammad fejn darba persuna, wara li qatlet mitt ruħ, fl-aħħar nidmet minn dnubietha. Din il-persuna kienet sinċiera fir-rimors tagħha u bdiet tfittex l-indiema vera. Iżda matul dak il-perjodu mietet. Madankollu, Alla ħa pjaċir bl-aħħar att ta' ndiema tagħha u għalhekk ħafrilha l-qtil kollu li wettqet u daħħalha l-Ġenna. F'dal-każ daħlu fis-seħħ is-Sovranità ta' Alla u l-fatt li hu 's-Sid'. Bl-istess mod, f'dil-ħajja nfisha, Alla jinjora ħafna żbalji jew nuqqasijiet tal-bniedem u jsalvah mill-konsegwenzi negattivi u d-deni assoċjat ma' dawn l-atti. Fil-fatt, proprju dovut għall-grazzja u l-ħniena tiegħu, f'xi waqtiet Alla saħansitra jirnexxilu jislet riżultati pożittivi u ta' għajnuna minn dawn l-iżbalji.

Din hi d-differenza bejn il-liġijiet ta' Alla u dawk magħmula mill-bniedem, għax fil-liġijiet magħmula mill-bniedem id-dnubiet u l-atti ħżiena jwasslu biss għas-sanzjonijiet.

Għalhekk, u biex nikkonkludu, fil-Koran Alla semma dawn l-erba' Attributi fundamentali bħala evidenza tal-eżistenza tiegħu. B'hekk aħna ġejna ordnati biex naduraw lil dak Alla li għandu dawn l-attributi. Sewwasew, meta wieħed iqim b'mod sinċier lil dak Alla li jippossedi dawn l-attributi perfetti li l-persuna tasal biex tesperjenza l-mirakli spiritwali tiegħu b'mod

kompletament ġdid.

Irrid insemmi wkoll li Alla ordna lil dawk li tabilħaqq jemmnu biex ifittxu li jiżviluppaw dawn l-attributi fihom infushom. Għalhekk jekk fuq naħa l-Musulman veru jirnexxilu jiżviluppa rabta b'saħħitha ma' Alla, min-naħa l-oħra jirnexxilu jkun mezz ta' paċi u armonija fid-dinja.

B'dan il-kliem nitlob u nittama li wasaltu biex tifhmu u tagħrfu, imqar xi ftit, il-kunċett veru ta' Alla fl-Iżlam. Fl-aħħar ippermettuli mill-ġdid nesprimi l-gratitudni tiegħi lejkom kollha talli llum ingħaqadtu magħna. Il-barkiet ta' Alla fuqkom. Grazzi ħafna."

# Nota tal-Pubblikatur

**IŻLAM:** Il-kelma Iżlam (Islam fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1987 [l-1 volum], paġna 592 - mibdula għal Iżlam fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma sliem.

**KORAN:** Il-kelma Koran (Qoran / Quran / Koran fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1990 [it-2 volum], paġna 1158 - mibdula għal Koran fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma qari.

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam*, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**ra** *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum, li tfisser* 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

**aba** *ayyadahullahu ta'ala binasrihil-'aziz,* li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

“Hu proprju dan il-kunċett ta’ Ħniena li jsalvana minn kull dubju fil-fidi tagħna f’Alla. Bit-tweġiba li Alla jagħti għat-talbiet tagħna hu proprju Alla nnifsu li jsaħħaħ il-fidi u t-twemmin tagħna fl-eżistenza tiegħu.”

“Eżempju ieħor tal-imħabba infinita ta’ Alla huwa meta qal li l-premju għall-azzjonijiet tajba jkun għaxar darbiet ikbar mill-valur tal-att, iżda l-kastig għall-ħażin li wieħed jagħmel ma jkun qatt ikbar mill-att żbaljat innifsu.”

IMHABBA GHAL KULHADD - MIBEGHDA GHAL HADD

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

This is the Maltese translation of the Keynote Address delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad[aba], Khalifatul-Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community to a large audience of Non-Muslim guests on the 2$^{nd}$ Day of the Annual Convention (Jalsa Salana) of the Ahmadiyya Muslim Community in Germany on 29 June 2013.